MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2013/1

**Josephine Cachia**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

Permezz ta' decizjoni li nghatat fl-14 ta' Dicembru 2012, gie michud l-appell ta' Josephine Cachia wara d-decizjoni tal-appellat tad-9 ta' Settembru 2011. L-Arbitru qalet:-

*"Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fl-20 ta' Settembru 2011, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellanti ma kenitx iktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali u dana minhabba li ma kienx sodisfatt li l-appellanti ma kenitx qed tahdem.*

*Peress illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-Direttur tas-Sigurta' Socjali jirrizulta ampjament car li l-appellanti kienet qed tahdem fil-perjodu in kwistjoni, d-decizjoni tad-*

*Direttur ittiehdet skond il-ligi u ghalhekk hija gusta u timmerita konferma.”*.

Fir-rikors tal-appell prezentat fit-22 ta’ Jannar 2013 l-appellanti ssostni li -

i. M’hijiex tahdem u ma kellix licenzja biex tkun tista’ tahdem.
ii. Kienet zgumbrata mid-dar matrimonjali b’sentenza tal-qrati.
iii. Il-konkluzjoni tal-Abritru hi nfondata.

Da parti tieghu l-appellat ipprezenta twegiba fejn isostni li m’hemmx ragunijiet ghalfejn din il-qorti ghandha terga’ taghmel apprezzament tal-provi. Isostni wkoll li din il-qorti m’ghandix terga’ toqghod taghmel valutazzjoni tal-provi li saru mill-Arbitru.

Jirrizulta li l-appellanti kienet qeghda tircievi minghand id-Dipartiment:-

i. Ghajnuna Socjali (SA) mill-21 ta’ Marzu 2009.
ii. Ghajnuna Medika mit-12 ta’ Settembru 2009.
iii. Ghajnuna Supplimentari mill-24 ta’ Ottubru 2009.

Dan l-appell jirrelata ghall-Ghajnuna Socjali li l-appellanti kienet ghadha tircievi sat-30 ta’ Settembru 2011.

Jidher li fil-bidu ta’ Lulju 2007 l-appellanti bdiet proceduri ta’ separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Familja).

Wara investigazzjoni li saret mit-Taqsima tal-Frodi tad-Dipartiment, din l-ghajnuna twaqqfet. Minn dak li fehemet il-qorti l-appellanti regghet issa bdiet tircievi ghajnuna. Skond l-inkartament li hemm fl-atti, mill-indagni rrizulta li:

*“fit-12 ta’ Ottubru 2010, is-sur Anthony Muscat ttrasferixxa kwazi l-annimali kollha li kienu registrati fuqu ghal fuq is-sinjura Josephine Cachia (ID 15573G) – il-beneficcarja u l-allegata siehba tieghu. Minn din il-korrispondenza instab li s-Sur Anthony Muscat ittrasferixxa 16-il moghza u 122 naghga fuq isem il-beneficjarja.”*.

Ir-rakkomandazzjoni tal-investigaturi tat-Taqsima tal-Frodi kienet li b'effett mit-12 ta' Ottubru 2010 id-Dipartment jirrevedi l-beneficcji li kienet qeghda tircievi l-appellanti ghal dak li jikkoncerna d-dhul mit-trobbija tal-annimali. Fil-fatt din ir-rakkomandazzjoni giet adottata mid-Direttur.

L-appellanti ghamlet appell quddiem l-Arbitru skond l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta) u ddikjarat li ma tahdimx, hi separata minn zewgha u m'ghandix qliegh.

Jidher li fil-proceduri quddiem l-abitru l-appellanti bdiet issostni li ma tafx min hu Anthony Muscat. Kif wara kollox irrepetiet quddiem din il-qorti fis-seduta tal-5 ta' April 2013. L-appellanti ma tat l-ebda gustifikazzjoni kif dawk l-annimali kollha gew trasferiti f'isimha. ‘Il fatt li huma registrati f'isimha johloq presunzjoni li ghandha ghaddejja attivita ekonomika mit-trobbija taghhom. L-appellanti ma tat l-ebda raguni ghalfejn ghandha dawn l-annimali kollha registrati f'isimha u anzi tat x'tifhem li lanqas taf bihom. Attitudni li certament ma jghinx il-kredibilita' taghha.

Il-qorti temmen li fic-cirkostanzi attwali l-Arbitru kienet altru milli gustifikata li tikkonkludi li l-appellanti kellha qliegh matul il-perjodu in kwistjoni u li l-appell ma kienx gustifikat.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Peress li l-appellanti kellha l-beneficcju tal-ghajnuna legali, spejjez jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------